# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 545

L-Erbgha, 18 ta' Mejju, 2022

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Alvin Grech – Kunsillier

SKUZATI:

Paul Mizzi- Viċi Sindku
Frankie Attard – Kunsillier
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

**Pjazza Orvieto, Ta' Kercem KCM 1360, Gozo**
*Tel:* **21563666** *Fax:* **21563888**
*e-mail:* **kercem.lc@gov.mt**

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 545.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Is-Sinjuri Paul Mizzi, Frankie Attard u Abigail Micallef talbu li jigu skuzati minhabba ragunijiet ta' sahha, xoghol u skola. Hadd ma sab oggezzjoni

## 545.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 545.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

545.3.1 Is-Sindku qal li qed ihoss li wasal iz-zmien illi ngibu ftit bins tal-klieb sabiex jitqassmu madwar ir-rahal. Dan peress li qed ikollna diversi lmenti u ghalhekk gie deciz li ngibu tliet kwotazzjonijiet u nixtru ghaxar bins.

545.3.2 Saret talba mill-Kunsill sabiex isir il-patching fi Triq Santa Katerina tal-Qabbieza. Dan ser isir mill-Gvern Centrali.

545.3.3 Dwar ix-xogholijiet ta' Triq Ghajn Tuta, il-WSC qed tipproponi li ssir fossa kbira fit-tarf tat-triq qabel tibda n-nizla u dan sabiex il-WSC tiffranka x-xogholijiet fin-nizla. Il-Kunsill mhux ser jaccetta din il-proposta ghaliex ix-xoghol, biex isir tajjeb, irid isir s'isfel u jitqabbad mal-pompa t'isfel.

545.3.4 Saret talba lill-Kunsill Lokali minghand Collette Joelle biex tuza Gnien il-Familja ghal xi sessjonijiet ta' ezercizzju. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni u zamm il-kundizzjonijiet tas-soltu.

545.3.5 Il-Kunsill Lokali kien applika ghal bollards fi Triq San Girgor kantuniera ma' Sqaq Nru 1. TM m'accettatx li jsiru peress li qalet li dawn mhumiex skont il-policy taghhom.

545.3.6 Ircevejna l-garanzija tal-bank ta' 20% u l-invoice ukoll ta' 20% pre-financing minghand Little Rock Quarry Ltd, sabiex ikunu jistghu jibdew ix-xogholijiet fuq l-Ghadira (Mizura 4).

545.3.7 Is-Sindku qal li wara li avvicinah il-President ta' Kercem Ajax FC, dan qed jissuggerixxi lill-Kunsill sabiex il-pitch tal-bocci jersaq flok il-post fejn hemm il-palm wara t-tennis court. L-area tal-bocci tibqa' gnien/park u x-xoghol isir mill-Ministeru ghal Ghawdex. Il-Kunsill iddiskuta din l-idea u qabel maghha u ghalhekk gie deciz li nkellmu lill-Perit Deborah Busuttil dwarha.

545.3.8 Dwar l-offerta tal-van tal-elettriku, il-bord kellu jwaqqa' l-offerta peress li l-offerent ma setghax jaghti garanzija li l-van tasal fiz-zmien mitlub. Wara li ghamilna ftit tiftix

dwar is-sitwazzjoni, jidher li din hija r-realta' ta' hafna mill-vetturi elettrici u ghalhekk gie deciz li ninfurmaw lid-DLG u jekk hemm bzonn nergghu nohorgu l-offerta.

545.3.9 Is-Sindku qal li ser nergghu nitkellmu ma' Primary Healthcare dwar il-kuntratt halli mmexxu.

545.3.10 Il-progett ta' WIFI4EU gie nstallat kollu u b'hekk issa ghandna diversi punti godda ta' Wifi b'xejn madwar il-lokalita'.

545.3.11 Is-Sindku qal li wara li harget l-applikazzjoni tal-Lielong Learning, ergajna applikajna ghall-Ganutell li jidher li sejjer tajjeb hafna mar-residenti taghna.

545.3.12 Il-Kumitat tal-Festa talab li jsiru xi toqob godda ghall-antarjoli. Ha naraw x'servizzi ghaddejjin, u fejn hu possibli, isiru.

545.3.13 Giet approvata r-road hump ta' Triq Qasam San Pawl minn naha ta' TM.

545.3.14 Il-Kumitat tal-Festa talab permess sabiex isir BBQ gewwa Gnien il-Familja. Hadd ma sab oggezzjoni.

545.3.15 Ir-Regjun t'Ghawdex talab sabiex jikkkonferma persuna li ser tkun qed taghmel parti mill-Youth Regional Committee. Is-Sindku qal li huwa tkellem ma' Abigail Micallef permezz tal-telefon u hija accettat li tkun parti minn dan il-Kumitat u b'hekk awtomatikament tkun qed iggedded il-pozizzjoni taghha bhala Ambaxxatur Lokali taz-Zghazagh mal-Kunsill Lokali Ta' Kercem.

545.3.16 Is-Sindku ressaq Skema Regjonali ghall-Ambjent 2022 li qed tipproponi underground bins. Il-Kunsill tkellem dwarha izda l-ewwel ser jara Kunsilli ohra x'ser jaghmlu.

545.3.17 Dwar ir-restawr tan-Nicca tal-Madonna tal-Patri, ir-restawratur li kien ghaddej bix-xogholijiet gie mwaqqaf mis-Superintendence of Cultural Heritage peress li gie nnutat li m'ghandux warrant biex jaghmel dan ix-xoghol. Sadanittant, qed nistennew li tidhol restawratrici ohra, Prof. Boffo, sabiex tkompli dan ix-xoghol, dejjem skond l-ordnijiet tal-SCH.

## 545.4 Gieh Ta' Kercem 2022

Is-Sindku fakkar illi ghal dawn l-ahhar snin ma kienx sar Gieh Ta' Kercem peress li ma nhassx il-bzonn. Madanakollu, din is-sena qed ihoss il-bzonn li dan il-gieh jinghata lill-Ghaqda Muzikali San Girgor fl-okkazzjoni tal-25 sena mit-twaqqif taghha. Il-membri prezenti qablu ma' dan u qablu ukoll illi dan il-gieh jinghata dakinhar tal-programm tal-banda fil-gimgha tal-festa.

## 545.5 Progett Triq San Girgor

Iltqajna mal-Perit Godwin Sultana illi ghamel stima fuq ix-xogholijiet li kienu diga gew diskussi fil-Kunsill. L-istima s'issa telghet madwar Eur600,000. Wara dan ser nitkellmu ukoll mal-Inginier Simon Mizzi sabiex jahdem ukoll fuq id-dwal biex minn

hemmhekk inkunu nistghu naghmlu laqgha mal-Ministru ghal Ghawdex u naraw kif jista' jghinna.

## 545.6 Serata Napoletana

Is-Sindku qal li tkellem mal-Kumitat ta' Santa Lucija u hargu bl-idea li jtellghu Serata Napoletana. Huwa qal li xi spejjez li jista' jkun hemm mill-Kunsill Lokali ser jigu mhallsa mir-Regjun t'Ghawdex mill-fondi tal-Kultura. Dawn ser ikunu jinkludu s-sound u l-grupp tal-attivita'. L-attivita' ser tittella' nhar it-18 ta' Gunju 2022 fi Pjazza Santa Lucija.

## 545.7 Offerta ghal Van tal-Elettriku

Dwar l-offerta tal-van tal-elettriku, kif diga' tkellimna aktar qabel, il-bord kellu jwaqqa' l-offerta peress li l-offerent ma setghax jaghti garanzija li l-van tasal fiz-zmien mitlub. Wara li ghamilna ftit tiftix dwar is-sitwazzjoni, jidher li din hija r-realta' ta' hafna mill-vetturi elettrici u ghalhekk gie deciz li ninfurmaw lid-DLG u jekk hemm bzonn nergghu nohorgu l-offerta.

## 545.8 Harga f'Ghawdex

Gie diskuss li ssir harga ghal li kellha ssir ix-xahar li ghadda kellna naqbzuha. Hadd ma sab oggezzjoni.

## 545.9 Ilmenti u Suġġerimenti

545.9.1 Il-Kunsillier Horace Vella talab biex jitnaddfu l-fanali ta' Pjazza Salv Busuttil qabel tkun gejja l-festa u ssirilhom hgiega taht ghax ta' bicca minnhom inkissret.

545.9.2 Saret talba biex isir double yellow line biex jitkompla fi Triq Ghajn Tuta. Hadd ma sab oggezzjoni.

545.9.3 Saret talba biex isiru 3 bollards ma' kantuniera ta' bankina fi Triq Kercem kantuniera ma' Triq Guze Flores. Iridu ukoll li fil-kantuniera l-bankina titwessa' ghal 3 piedi. Ser nitolbu lil TM.

## 545.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 545.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa ntemmet fis-6.15pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa, 15 ta' Gunju, 2022 fil-5pm. ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |